# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar 2001**

**Numru : 37**

**Citaz. Numru : 2003/2000/RCP**

**Noel Bonello**

**vs**

**Helen sive Eileen Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premetta:

Illi l-konvenuta kriet minghand l-istanti il-fond 12A, Triq Thornton, kantuniera ma' Triq Locker, Sliema, bil-kera ta' Lm 3 kuljum, pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem;

Illi l-fond gie mikri ghal usu ta' boutique, u ghal perijodu ta' ghaxar snin mis-7 ta' Mejju 1996;

Illi l-konvenuta qatt ma ghamlet uzu mill-fond, u waqghet lura fil-hlas tal-kera tant li ghandha thallas

Lm1350 ghall-perijodu mill-1 ta' Mejju 1999 sal-31 ta' Lulju 2000;

Illi b'dawn in-nuqqasijiet il-konvenuta kisret il-pattijiet tal-kirja bil-konsegwenza li iddekadiet mill-kirja u l-istanti ghandu dritt ixoljiha;

L-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex, dispensat is-smiegh tal-kawza ghat-termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet u in vista tad-dikjarazzjoni annessa, m'ghandhiex din il-Qorti:

(1) tiddikjara xjolta l-imsemmija kirja ghar-raguni ta' ksur ta' pattijiet fuq indikati;,

(2) tordnalha tizgombra mill-fond numru 12 A, Triq Thornton, kantuniera ma' Triq Locker, Sliema, fi zmien qasir u perentorju li jigi iffisssat; u

(3) tikkundannha thallas lill-istanti l-imsemmija somma ta' elf, tlett mija u hamsin lira (Lm1350) in ragun tal-arretrati fuq imsemmija;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali tal-20 ta' Settembru 1999, kontra l-konvenuta li ghandha tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-

sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' talbiet tal-attur** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan illi:

(1) tiddikjara xjolta l-imsemmija kirja ghar-raguni ta' ksur ta' pattijiet fuq indikati;

(2) tordna lill-konvenuta tizgombra mill-fond numru 12 A, Triq Thornton, kantuniera ma' Triq Locker, Sliema, fi zmien qasir u perentorju li jigi iffisssat; u

(3) tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istanti l-imsemmija somma ta' elf, tlett mija u hamsin lira (Lm1350) in ragun tal-arretrati fuq imsemmija;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali tal-20 ta' Settembru 1999, kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**30 ta' Jannar 2001**

**Josette Demicoli**

**Deputat Registratur.**
**30 ta' Jannar 2001**